DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/477

tal-15 ta' Marzu 2018

dwar eżenzjonijiet mid-dazju antidumping estiż fuq ċerti partijiet tar-roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97

(notifikata bid-dokument C(2018) 1506)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju definittiv antidumping impost bir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjoni ta' ċerti partijiet tar-roti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u l-impożizzjoni ta' dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet rreġistrati fir-Regolament (KE) Nru 703/96 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' whud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97, tad-dazju antidumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 ([3]) u b'mod partikolari l-Artikoli 4 sa 7 tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Dazju antidumping bħalissa japplika fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' partijiet essenzjali ta' roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina")("id-dazju estiż") bħala riżultat tal-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97 tad-dazju antidumping fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw fiċ-Ċina. Id-dazju estiż inżamm l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013 ([4]).

(2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 71/97, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta l-miżuri meħtieġa biex tawtorizza l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-rota li ma jevitawx id-dazju antidumping.

(3) Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 88/97 li jistabbilixxi s-sistema ta' eżenzjoni speċifika.

(4) Fuq din il-bażi l-Kummissjoni eżentat għadd ta' persuni li jarmaw ir-roti mid-dazju estiż ("il-partijiet eżentati").

(5) Kif previst fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 88/97, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* listi sussegwenti tal-partijiet eżentati ([5]).

(6) L-aktar Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni riċenti dwar l-eżenzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 kien adottat fit-22 ta' Frar 2017 ([6]).

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.
([3]) ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17.
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013 tad- 29 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara riežami interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 153, 5.6.2013, p. 17).
([5]) ĠU C 45, 13.2.1997, p. 3, ĠU C 112, 10.4.1997, p. 9, ĠU C 220, 19.7.1997, p. 6, ĠU L 193, 22.7.1997, p. 32, ĠU L 334, 5.12.1997, p. 37, ĠU C 378, 13.12.1997, p. 2, ĠU C 217, 11.7.1998, p. 9, ĠU C 37, 11.2.1999, p. 3, ĠU C 186, 2.7.1999, p. 6, ĠU C 216, 28.7.2000, p. 8, ĠU C 170, 14.6.2001, p. 5, ĠU C 103, 30.4.2002, p. 2, ĠU C 35, 14.2.2003, p. 3, ĠU C 43, 22.2.2003, p. 5, ĠU C 54, 2.3.2004, p. 2, ĠU L 343, 19.11.2004, p. 23, ĠU C 299, 4.12.2004, p. 4, ĠU L 17, 21.1.2006, p. 16, ĠU L 313, 14.11.2006, p. 5, ĠU L 81, 20.3.2008, p. 73, ĠU C 310, 5.12.2008, p. 19, ĠU L 19, 23.1.2009, p. 62, ĠU L 314, 1.12.2009, p. 106, ĠU L 136, 24.5.2011, p. 99, ĠU L 343, 23.12.2011, p. 86, ĠU L 119, 23.4.2014, p. 67, ĠU L 132, 29.5.2015, p. 32, ĠU L 331, 17.12.2015, p. 30, ĠU L 47, 24.2.2017, p. 13.
([6]) ĠU L 47, 24.2.2017, p. 13.

1. **TALBIET GĦAL EŻENZJONI**

(7) Il-Kummissjoni rċeviet mill-partijiet elenkati fit-Tabelli 1 u 3 hawn taħt it-talbiet għal eżenzjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddetermina li dawn kienu ammissibbli skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

(8) Il-partijiet li talbu eżenzjoni ngħataw possibbiltà li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ammissibbiltà tat-talbiet tagħhom.

(9) Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 88/97 sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet mill-partijiet li qed jitolbu eżenzjoni, il-pagament tad-dazju estiż fir-rigward ta' kull importazzjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn dawn il-partijiet ġie sospiż mid-data li fiha l-Kummissjoni rċeviet it-talbiet tagħhom.

2. **AWTORIZZAZZJONI TAL-EŻENZJONIJIET**

(10) L-eżaminazzjoni tal-mertu tat-talbiet mill-partijiet elenkati fit-Tabella 1 hawn taħt ġiet konkluża.

Tabella 1

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz
C003	Interbike Spółka z o.o.	ul. Śląska 6/5, PL-42-200 Częstochowa, Poland
C102	Uno Bike B.V.	Bovendijk 213, NL-3045 PD Rotterdam, The Netherlands
C128	Slavomir Sladek Velosprint S	Trnavská 40, SK-949 01 Nitra, Slovak Republic

(11) Matul l-eżaminazzjoni l-Kummissjoni stabbiliet li l-valur tal-partijiet li joriġinaw fiċ-Ċina jikkostitwixxu inqas minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet tar-roti kollha assemblati minn kull waħda minn dawn il-partijiet. Dan kien ukoll il-każ għall-biċċa l-kbira tar-roti assemblati minn kull parti.

(12) Konsegwentement, l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tagħhom jaqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

(13) Għal din ir-raġuni, u skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 88/97, il-partijiet elenkati fit-Tabella 1 hawn fuq jenħtieġ li jiġu eżentati mid-dazju estiż.

(14) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 88/97, l-eżenzjonijiet jidħlu fis-seħħ mid-dati tal-wasla tat-talbiet. Id-dejn doganali fir-rigward tad-dazju estiż mill-partijiet li qed jitolbu eżenzjoni għandu għalhekk jitqies null mill-istess data.

(15) Il-partijiet li qed jitolbu eżenzjoni ġew infurmati bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-merti tat-talbiet tagħhom u ngħataw opportunità biex jikkummentaw fuqhom.

(16) Peress li l-eżenzjonijiet japplikaw biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabbela 1 hawn fuq, il-partijiet eżentati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ([1]) mingħajr dewmien dwar kull tibdil fihom (pereżempju, wara li jinbidel l-isem, il-forma legali jew l-indirizz jew wara lil jitwaqqfu entitajiet ġodda).

(17) F'każ ta' bidla fir-referenzi, il-parti jenħtieġ li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari dwar kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi għal tali parti.

([1]) Il-partijiet huma mogħtija l-parir jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.

3. AĠĠORNAMENT TA' REFERENZI GĦAL PARTIJIET EŻENTATI

(18) Il-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 2 hawn taħt innotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-bidliet fir-referenzi tagħhom (l-ismijiet, il-forom ġuridiċi jew l-indirizzi). Il-Kummissjoni, wara li eżaminat l-informazzjoni mressqa, ikkonkludiet li dawn il-bidliet bl-ebda mod ma jaffettwaw l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 88/97.

(19) Filwaqt li l-eżenzjoni ta' dawn il-partijiet mid-dazju estiż awtorizzata skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 88/97 tibqa' mhux affettwata, ir-referenzi għal dawn il-partijiet jenħtieġ li jiġu aġġornati.

Tabella 2

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Referenza ta' qabel	Il-bidla
8009	MIFA-Bike GmbH Kyselhäuser Strasse 23 DE-06526 Sangerhausen, Germany	L-isem u l-forma ġuridika tal-kumpanija nbidlu għal: Sachsenring Bike Manufaktur GmbH
A571	Sprick Rowery Sp. z o.o. ul. Świerczewskiego 76 PL-66-200 Świebodzin, Poland	L-indirizz tal-kumpanija nbidel għal: ul. Zachodnia 76 PL-66-200 Świebodzin, Poland
C053	Firma Handlowo-Usługowo-Produkcyjna 'Trans- Rower' Roman Tylec Dąbie 47, PL-39-311 Zdziarzec, Poland	L-isem u l-indirizz tal-kumpanija nbidlu għal: Trans-Rower Roman Tylec Dąbie 54d, PL-39-311 Zdziarzec, Poland

4. SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI TAD-DAZJI GĦAL PARTIJIET LI QED JIĠU EŻAMINATI

(20) L-eżaminazzjoni tal-mertu tat-talba mill-partijiet elenkati fit-Tabella 3 hawn taħt tinsab għaddejja. Sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet mingħand dawn il-partijiet il-pagament tad-dazju estiż huwa sospiż.

(21) Billi s-suspensjonijiet se japplikaw biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 3 ta' hawn, jenħtieġ li dawn il-partijiet jinnotifikaw lill-Kummissjoni [1] minnufih, dwar kwalunkwe bidla f'dawn (pereżempju wara bidla fl-isem, fil-forma ġuridika jew fl-indirizz jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda ta' assemblaġġ).

(22) F'każ ta' bidla fir-referenzi, il-parti jenħtieġ li tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari dwar kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi għal tali parti.

Tabella 3

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz
C049	Cycles Sport North Ltd	363 Leach Place, Walton Summit Center, GB-PR5 8AS Preston, United Kingdom
C170	Hermann Hartje KG	Deichstrasse 120-122, DE-27318 Hoya, Germany
C202	Vanmoof B.V.	Mauritskade 55, NL-1092 AD Amsterdam, The Netherlands

[1] Il-partijiet huma mogħtija l-parir jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz
C207	Kenstone Metal Company GmbH	Heideland 1-7, DE-24976 Handewitt-Weding, Germany
C209	Gor Kolesa, proizvodnja koles, d.o.o.	Partizanska cesta 12, SI-3320 Velenje, Slovenia
C220	Matex International Aquitaine	6 Avenue Gay Lussac, FR-33370 Artigues-près-Bordeaux, France
C307	Merida Polska Sp. Z o.o.	ul. Marii Skłodowskiej-Curie 35, PL-41-800 Zabrze, Poland
C311	Juan Luna Cabrera	C/Alhama 64, ES-14900 Lucena (Cordoba), Spain

5. **SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI TAD-DAZJI GĦAL PARTIJIET LI QED JIĠU EŻAMINATI TNEĦĦIET**

(23) Is-sospensjoni tal-pagamenti tad-dazji għal partijiet li qed jiġu eżaminati jenħtieġ li titneħħa għall-parti elenkata fit-Tabella 4 hawn taħt.

Tabella 4

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz
C169	Pelago MFG oy	Tyynenmerenkatu 6 L3, FI-00220 Helsinki, Finland

(24) Il-Kummissjoni rċeviet mill-parti kkonċernata talba biex tirtira l-applikazzjoni għal eżenzjoni meta l-eżami talmerti tagħha kienet għadha għaddejja u l-pagament tad-dazju estiż kien sospiż.

(25) Il-Kummissjoni aċċettat l-irtirar u konsegwentement is-sospensjoni tal-pagament tad-dazju estiż jenħtieġ li titneħħa. Id-dazju estiż għandu jinġabar mid-data tal-wasla tat-talba għal eżenzjoni mressqa minn din il-parti, li hija d-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni (23 ta' Settembru 2016).

(26) Il-parti ġiet informata bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u ngħata opportunità tikkummenta dwarhom. Ma tressaq l-ebda kumment qabel l-iskadenza.

6. **AWTORIZZAZZJONI TAL-EŻENZJONI REVOKATA**

(27) Il-parti eżentata elenkata fit-Tabella 5 hawn taħt nnotifikat lill-Kummissjoni bl-għeluq tal-attivitajiet tagħha u birrinunzja għall-eżenzjoni mill-pagament tad-dazju estiż.

(28) Konsegwentement, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, l-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mill-pagament tad-dazju estiż jenħtieġ li tiġi revokata.

Tabella 5

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz
A549	Alliance Bikes Sp. Z o.o.	ul. Tadeusza Borowskiego 2, PL-03-475 Warszawa, Poland

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Artikolu 2

Il-partijiet elenkatati fit-Tabella 1 hawn taħt huma b'dan eżentati mill-estensjoni bir-Regolament (KE) Nru 71/97 tad-dazju antidumping definittiv fuq roti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 ([1]) fuq importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 88/97, l-eżenzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ mid-dati tal-wasla tat-talbiet tal-partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ" fit-Tabella 1 hawn taħt.

L-eżenzjonijiet għandhom japplikaw biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 1 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom.

Il-partijiet eżentati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih, b'kull bidla f'dawn, waqt li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kull modifika fl-attivitajiet tal-parti marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni.

Tabella 1

Partijiet Eżentati

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz	Data tad-dħul fis-seħħ
C003	Interbike Spółka z o.o.	ul. Śląska 6/5, PL-42-200 Częstochowa, Poland	18.12.2014
C102	Uno Bike B.V.	Bovendijk 213, NL-3045 PD Rotterdam, The Netherlands	24.11.2015
C128	Slavomir Sladek Velosprint S	Trnavská 40, SK-949 01 Nitra, Slovak Republic	14.4.2016

Artikolu 3

Ir-referenzi aġġornati għall-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 2 hawn taħt huma previsti fil-kolonna intitolata "Referenza ġdida". Dawn l-aġġornamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-dati previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ".

Il-kodiċijiet addizzjonali TARIC korrispondenti li qabel kienu attribwiti lil dawn il-partijiet eżentati kif stipulat fil-kolonna intitolata "Kodiċi addizzjonali TARIC" fit-Tabella 2 hawn taħt jibqgħu l-istess.

Tabella 2

Partijiet eżentati li għalihom għandha tiġi aġġornata r-referenza

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Referenza ta' qabel	Referenza ġdida	Data tad-dħul fis-seħħ
8009	MIFA-Bike GmbH Kyselhäuser Strasse 23 DE-06526 Sangerhausen, Germany	Sachsenring Bike Manufaktur GmbH Kyselhäuser Strasse 23 DE-06526 Sangerhausen, Germany	24.8.2017

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 tat-8 ta' Settembru 1993 li jimponi dazju definittiv antidumping lejn il-Komunità ta' biċikletti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u jiġbor definittivament id-dazju proviżorju antidumping (ĠU L 228, 9.9.1993, p. 1).

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Referenza ta' qabel	Referenza ġdida	Data tad-dħul fis-seħħ
A571	Sprick Rowery Sp. z o.o. ul. Świerczewskiego 76 PL-66-200 Świebodzin, Poland	Sprick Rowery Sp. z o.o. ul. Zachodnia 76 PL-66-200 Świebodzin, Poland	20.7.2017
C053	Firma Handlowo-Usługowo-Produkcyjna 'Trans- Rower' Roman Tylec Dąbie 47, PL-39-311 Zdziarzec, Poland	Trans-Rower Roman Tylec Dąbie 54d, PL-39-311 Zdziarzec, Poland	19.9.2017

Artikolu 4

Il-partijiet elenkati fit-Tabella 3 hawn taħt qed jiġu eżaminati skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Is-sospensjonijiet tal-pagament tad-dazju antidumping estiż skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 għandhom jidħlu fis-seħħ mid-dati tal-wasla tat-talbiet ta' dawn il-partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ" fit-Tabella 3 hawn taħt.

Dawn is-sospensjonijiet għandhom japplikaw biss għall-partijiet eżaminati speċifikament imsemmija fit-Tabella 3 bl-ismijiet u l-indirizzi tagħhom.

Il-partijiet li qed jiġu eżaminati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih, b'kull bidla f'dawn, waqt li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-parti marbuta mal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' sospensjoni.

Tabella 3

Partijiet li qed jiġu eżaminati

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz	Data tad-dħul fis-seħħ
C049	Cycles Sport North Ltd	363 Leach Place, Walton Summit Center, GB-PR5 8AS Preston, United Kingdom	27.4.2015
C170	Hermann Hartje KG	Deichstrasse 120-122, DE-27318 Hoya, Germany	29.9.2016
C202	VANMOOF B.V.	Mauritskade 55, NL-1092 AD Amsterdam, The Netherlands	19.12.2016
C207	Kenstone Metal Company GmbH	Heideland 1-7, DE-24976 Handewitt-Weding, Germany	20.3.2017
C209	Gor Kolesa, proizvodnja koles, d.o.o.	Partizanska cesta 12, SI-3320 Velenje, Slovenia	26.4.2017
C220	Matex International Aquitaine	6 Avenue Gay Lussac, FR-33370 Artigues-près-Bordeaux, France	9.6.2017
C307	Merida Polska Sp. Z o.o.	ul. Marii Skłodowskiej-Curie 35, PL-41-800 Zabrze, Poland	14.6.2017
C311	Juan Luna Cabrera	C/Alhama 64, ES-14900 Lucena (Cordoba), Spain	4.10.2017

Artikolu 5

Is-sospensjoni tal-pagament tad-dazju antidumping estiż skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 hija b'dan imneħħija għall-parti elenkata fit-Tabella 4 hawn taħt.

Id-dazju estiż għandu jinġabar mid-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni. Din id-data hija prevista fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ" fit-Tabella 4 hawn taħt.

Tabella 4

Parti li tneħħiet is-suspensjoni tagħha

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz	Data tad-dħul fis-seħħ
C169	Pelago MFG oy	Tyynenmerenkatu 6 L3, FI-00220 Helsinki, Finland	23.9.2016

Artikolu 6

L-awtorizzazzjoni tal-eżenzjoni mill-pagament tad-dazju antidumping estiż hija b'dan revokata għall-parti elenkata fit-Tabella 5 hawn taħt.

Id-dazju estiż għandu jinġabar mid-data li fiha daħlet fis-seħħ ir-revoka tal-awtorizzazzjoni. Din id-data hija prevista fil-kolonna intitolata "Data tad-dħul fis-seħħ" fit-Tabella 5 hawn taħt.

Tabella 5

Parti li ġiet revokata l-eżenzjoni tagħha

Il-kodiċi TARIC addizzjonali	Isem	Indirizz	Data tad-dħul fis-seħħ
A549	Alliance Bikes Sp. Z o.o.	ul. Tadeusza Borowskiego 2, PL-03-475 Warszawa, Poland	21.2.2017

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-partijiet elenkati fl-Artikoli 2, 3, 4, 5 u 6. Hija wkoll ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Cecilia MALMSTRÖM
Membru tal-Kummissjoni